

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 690/2009**tat-30 ta' Lulju 2009**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jiżiġi li l-prodotti, il-partijiet u l-apparat għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Chicago") kif ippubblikata fl-24 ta' Novembru 2005 għall-Volumi I u II, bl-eċċezzjoni tal-Appendiċi tagħha.
- (2) L-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta' Chicago ġie emendat minn żmien l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, biż-żieda tal-Emenda 9 tal-Volum I u l-Emenda 6 tal-Volum II tas-7 ta' Marzu 2008, it-tnejn applikabbli mill-20 ta' Novembru 2008
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza

tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem 'l-Aġenzija') skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008. L-Aġenzija tat il-parir li r-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandu jiġi emendat sabiex jirrifletti t-tibdiliet fil-Konvenzjoni ta' Chigaco.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOZZAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-prodotti, il-partijiet u l-apparat għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali li jinsabu fl-Emenda 9 tal-Volum I u fl-Emenda 6 tal-Volum II tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta' Chicago kif applikabbli fl-20 ta' Novembru 2008, bl-eċċezzjoni tal-Appendiċi tal-Anness 16."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Vċi President

⁽¹⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.